# Koppin fir-Riġmenti Militari matul is-Seklu Dsatax

*Kitba ta' Charles J. Farrugia*
*BA(Hons), PG Dip Rec Mgmt, MA, MA (Lond)*

## Nota Editorjali

Il-ħakma fuq pajjiżna matul diversi snin, wasslet biex Malta tkun involuta għal kemm-il darba f'kunflitti u gwerer internazzjonali. B'mod plawsibbli nistgħu nsemmu l-Assedju l-Kbir u t-Tieni Gwerra Dinjija, li fihom, sehem Malta hu rikonoxxut mad-dinja kollha. Ovvjament, biex jippartećipa, pajjiżna ħtieġ riżorsa ta' suldati li jkunu ppreparati u mħarrġa għal kulma jista' jinqala'. F'dan l-artiklu, Charles Farrugia jikteb dwar għadd ta' suldati Koppin u l-karriera tagħhom fi żminijiet li jeħduna 'l bogħod saħansitra għal aktar minn 150 sena ilu.

Matul is-sena 2014 diversi pajjiżi qed jikkommemoraw l-Ewwel Gwerra Dinjija u qed isiru diversi avvenimenti sabiex wieħed ifakkar dan l-anniversarju. Il-kelma gwerra tnissel swied il-qalb għaliex tissarraf f'imwiet ta' nies u f'tiġrif fiżiku. Minkejja dan, il-gwerra hi element fil-ħajja umana li wieħed ma jistax jinjora. Marbut mal-gwerra hemm l-eluf ta' nies li jkunu fuq quddiem nett tal-azzjoni – dawk il-persun miktuba fil-militar. Kien b'dan f'moħħi li ddeċidejt li nitfa ftit dawl fuq kollezzjoni nteressanti li għandna fl-Arkivji Nazzjonali ta' fajls ta' suldati Maltin. F'dan l-artiklu ser niffukaw biss fuq suldati Koppin li kienu miktuba f'diversi riġmenti bħar *Royal Malta Regiment of Militia*. L-intenzjoni mhux ta' kulħadd kienet xorta. Kien hemm dawk li kienu jaraw f'dan il-pass professjoni li jridu jħaddnu, u għalhekk li wħud minnhom kibru f'din il-linja u kellom karriera. Oħrajn kienu qed jaraw biss li jaqalgħu xi ħaġa tal-flus.

F'dan l-artiklu ser nelenka l-ismijiet u dettalji bażiċi li wieħed kien isib f'dawn ir-rekords. Tajjeb wieħed jgħid li wħud minnom fihom dettalji aktar minn oħrajn. Kull wieħed jirrappreżenta storja partikolari, u kull persuna tat kontribut, kbir jew żgħir, bil-ħidma tiegħu. Ħa nagħtu ħarsa lejn id-dettalji bażici ta' kull każ. Uħud mill-fajls jinkludu ferm aktar dettalji minn dak li qed nagħti jiena, iżda l-ispazju ma jippermettix dan id-dettal.[1] Minkejja dan, l-iskop tal-artiklu hi wkoll li nħajru l-pubbliku jgawdi minn din il-minjiera ta' nformazzjoni li għandna maħżuna fl-arkivji tagħna.


*Original* — No 757

ROYAL MALTA FENCIBLE REGIMENT.
LIMITED SERVICE.
ATTESTATION FOR REGIMENTS.

| QUESTIONS To be separately asked by the Magistrate. | ANSWERS To be sworn to by the Recruit. |
|---|---|
| 1. What is your Name? | Emmanuele Sacco |
| 2. In what Parish, and in, or near what Town, and in what County were you born? | In the Parish of St Leonardo at Casal Chircop, Malta |
| 3. What is your Age? | Twenty two years |
| 4. What is your Trade or Calling? | Labourer |
| 5. Are you an Apprentice? | No |
| 6. Are you married? | yes |
| 7. Are you Ruptured, or Lame, have you ever been subject to Fits, or have you any Disability, or Disorder, which impedes the free use of your Limbs, or unfits you for ordinary Labour? | No |
| 8. Are you willing to be attested to serve in the Royal Malta Fencible Regiment for the period of Ten years in the Island of Malta and its Dependencies only, provided His Majesty should for so long require your Service, and also for such further Term, not exceeding Six Months, as shall be directed by the Commanding Officer on any Foreign Station and not exceeding Three Years, as shall be directed by any Proclamation of His Majesty, such additional Period, in the latter Case, to determine whenever Six Months of continued Peace, to be reckoned from the Ratification of any definitive Treaty, shall have elapsed subsequent to the Expiration of the said Ten Years? | yes |
| 9. On what day and by whom were you enlisted?* | On the 14th February 1838 |
| 10. For what bounty did you enlist? | Two Pounds |
| 11. Do you now belong to the Militia?† | No |
| 12. Do you belong to any other Regiment, or to the Marines, Ordnance, or Navy? | No |
| 13. Have you ever served in the Army, Marines, Ordnance, or Navy?‡ | No |

I Emmanuele Sacco do make Oath that the above Questions have been separately put to me; that the Answers thereto have been read over to me; and that they are the same that I gave, and are true.

I do also make oath, that I will be faithful and bear true Allegiance to His Majesty, His Heirs, and Successors, and that I will, as in duty bound, honestly and faithfully defend His Majesty, His Heirs, and Successors, in Person, Crown, and Dignity, against all Enemies, and will observe and obey all Orders of His Majesty, His Heirs, and Successors, and of the Generals and Officers set over me, until I shall be legally discharged.— So help me God,

Witness my hand,
Emmanuele his X mark Sacco — Signature of the Recruit.

Sworn before me at Malta this 15 day of Feby One Thousand Eight Hundred and Thirty eight — Witness present.
William Robertson, Major — Signature of the Magistrate.

* The Recruit cannot be attested sooner than Twenty-four Hours, nor later than Four Days after his Enlistment. Clause of Mutiny Act.
† If the Recruit belongs to the Militia and denies the fact, he is liable to Six Months' Imprisonment.
‡ If so, the Recruit is to state the particulars of his former service and the cause of his Discharge, and is to produce the Certificate of his Discharge, if he has it with him.

**L-ewwel Attestation li nsibu f'din il-kollezzjoni ta' Koppin - ta' Emanuele Sacco.**

## Ħjiel bijografiku mill-fajls uffiċjali[2]

1. Carmelo Falzon, imlaqqam "Ta Lapura" ta' 19-il sena ingaġġa fir-*Royal Malta Regiment of Militia* nhar it-23 ta' Mejju 1897 u dam għal ħames snin sa ma għalaqlu l-kuntratt fit-22 ta' Mejju 1902. In-numru tas-servizz kien 2798. Falzon kien ġuvni jgħix fid-dar numru 3, Triq Sant' Andrija u qabel mar suldat kien ħaddiem tal-id.
2. Rosario Sacco, imlaqqam "Tal Contistabbli" kellu 24 sena meta ngaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 għal 5 snin bin-numru 2799. Huwa beda bħala suldat imma fit-22 ta' Novembru tal-istess sena kien appuntat *Lance Corporal* u spiċċa s-servizz bħala Kapural, liema grad ingħata fl-1 ta' Frar 1898. Huwa temm is-servizz tiegħu nhar it-2 ta' Diċembru 1899 *by purchase*.[3] Huwa kien miżżewweġ, kellu wild u kien joqgħod numru 3, Triq Santu Rokku. Qabel ma ngaġġa kien ħaddiem tal-id.
3. Giuseppe Pulis, imlaqqam "Ta Sufa" kien joqgħod fi Triq San Leonardu. Kien ħaddiem tal-id u ta' 22 sena ingaġġa bħala suldat bin-numru 2800 fir-*Royal Malta Regiment of Militia*

nhar it-23 ta' Mejju 1997. Huwa spiċċa mis-servizz nhar is-6 ta' Frar 1899 *by purchase*. Huwa kien miżżewweġ imma ma kellux tfal.

4. Salvatore Sacco , imlaqqam "Tal Contistabbli," bennej miżżewweġ ta' 31 sena ingaġġa bħala suldat fir-*Royal Malta Regiment of Militia* u ngħata numru 2801 nhar it-23 ta' Mejju 1897 għal ħames snin. Beda bħala suldat u matul is-snin ha diversi promozzjonijiet sakemm spiċċa bħala *Lance Sergeant* nhar it-22 ta' Mejju 1906.
5. Leonardo Cassar, imlaqqam "Tal Kantarejn" ta' 15 Sda S. Beneditto ingaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia* ta' 19-il sena nhar it-23 ta' Mejju 1897. Huwa kien ġuvni u ħaddiem tal-id. Oriġinarjament huwa ngaġġa għal ħames snin, imma wara reġa' ngaġġa sa ma' ġie xolt ir-Reġiment li kien fih nhar il-31 ta' Diċembru 1921 bħala *Lance Corporal*. Minħabba li ha sehem fl-Ewwel Gwerra Mondjali, huwa ngħata 17-il lira bħala *war gratuity* fit-30 ta' Ottubru 1919. In-numru tiegħu kien 2803.
6. Salvatore Farrugia, imlaqqam "Tal Barbasha" ingaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia* meta kellu 22 sena fit-23 ta' Mejju 1897 bin-numru 2804. Huwa kien miżżewweġ b'wild wieħed u kien ħaddiem tal-id. Kien joqgħod f'numru 30, Triq San Leonardu. Huwa temm is-servizz tiegħu wara ħames snin fit-22 ta' Mejju 1902.
7. In-numru 2808 ingħata lil Michele Falzon, imlaqqam "Ta Lapura" ta' 3, Piazza Maggiore, Sqaq Sant'Andrija. Kien ħaddiem tal-id ġuvni ta' 23 sena. Beda l-ingaġġ tiegħu mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat għal ħames snin sħaħ sat-22 ta' Mejju 1902.
8. Carmelo Bartolo, imlaqqam "Tal Ghaxka" kien xufier miżżewweġ u għex f'numru 7, Triq San Leonardo. Ta' 24 sena, ingagga mar-*Royal Malta Regiment of Militia* u ħa n-numru 2816 għal ħames snin mit-23 ta' Mejju 1897 imma fis-6 ta' Frar 1899 temm l-ingaġġ tiegħu *by purchase*.
9. Francesco Spiteri, imlaqqam "Ta Żamp" u li kien joqgħod fil-Piazza Maggiore kien ġuvni ta' 18-il sena u kien ħaddiem tal-id. Huwa ngaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat għal ħames snin sħaħ sat-22 ta' Mejju 1902. In-numru tiegħu kien 2819.
10. Carmelo Falzon, imlaqqam "Tan Nann", ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat bin-numru 2834 għal ħames snin sħaħ sat-22 ta' Mejju 1902. Huwa kien ġuvni ta' 24 sena u kien jaħdem bħala *labourer*.


No 757 Emmanuele Sacco

RECORD OF SERVICE.

| Regiment | Promotions, Reductions, Casualties, &c. | Rank | Period of Service in each Rank From | To | Amount of Service Years | Days |
|---|---|---|---|---|---|---|

To be filled up by the Paymaster agreeably to the Form prescribed for the Regimental Record.

Ir-Record of Service ta' Emanuele Sacco.

11. Tommaso Callus, imlaqqam "Tal Chixkux", kien ġuvni u ħaddiem tal-id ta' 22 sena u 3 xhur meta ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* bin-numru 2849 fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat għal ħames snin sħaħ sat-22 ta' Mejju 1902. Kien jgħix fi Triq Valletta.
12. Leonardo Vassallo, imlaqqam "Tal Balaks" minn Triq San Leonardu, kien ħaddiem tal-id miżżewweġ ta' 24 sena meta ngaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat sat-22 ta' Mejju 1906 meta fl-20 ta' Mejju 1902 reġa' ġedded l-ingaġġ tiegħu bin-numru 2857.
13. Paolo Tagliana, imlaqqam "Ta Ġiamar" kien ħaddiem tal-id, ġuvni ta' 28 sena u għex f'numru 17 Triq San Beneditto. Huwa ngaġġa bin-numru 2858 mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 u dam suldat għal ħames snin sħaħ sat-22 ta' Mejju 1902.
14. Francesco Callus, imlaqqam "Ta Xambek" għex fi Triq Valletta. Huwa kien ħaddiem tal-id, ġuvni ta' 22 sena u ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-23 ta' Mejju 1897 għal ħames snin. Imma sfortunatament, Callus miet kważi sena wara, nhar id-19 ta' Mejju 1898. In-numru tiegħu kien 2859.

15. Benedetto Grech, imlaqqam "Ta Cassia" kien joqgħod fi Triq Santu Rokku u kellu 19-il sena meta ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-30 ta' Mejju 1897 u dam suldat għal ħames snin sħaħ sad-29 ta' Mejju 1902. Kien ġuvni jaħdem bħala *labourer* u meta mar suldat in-numru tiegħu kien 2932.
16. Leonardo Azzopardi, imlaqqam "Ta Custanz" kien jgħix fi Triq Leonardu u ta' 28 sena huwa ngaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* bin-numru 2941 nhar il-5 ta' Ġunju 1897 għal ħames snin, imma kellu l-ingaġġ tiegħu imwaqqaf erba' xhurx wara, fil-31 ta' Ottubru 1897, minħabba li ma kienx suldat effiċjenti. Huwa kien ħaddiem tal-id, miżżewweġ u kellu żewġt itfal.
17. Benedetto Spiteri, imlaqqam "Ta Żamp" kien joqgħod numru 8, Sqaq San Giovanni. Huwa kien ħaddiem tal-id u ta' 20 sena ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fil-5 ta' Ġunju 1897 għal ħames snin sħaħ sa ma temm id-dmir tiegħu bħala suldat fl-4 ta' Ġunju 1902. In-numru tiegħu kien 2950.
18. Giovanni Asciak kellu 23 sena meta ingaġġa bħala suldat (*private*) mar-*Royal Malta Fencible Regiment* fl-24 ta' Frar 1840 u ngħata n-numru 886. Il-flus li kienu ser jingħataw lil dan l-applikant kienu jammontaw għal żewġ liri (*two pounds*), u malli inkiteb ingħatalu mill-ewwel xelin (*one shilling*). Kien jaħdem bħala *labourer* qabel mar suldat. Asciak dam suldat għal 10 snin u erba' xhur – mill-25 ta' Frar 1840 sat-28 ta' Lulju 1850.


Army Form B. 265.

SHORT SERVICE.

(7 years with the Colours, and 5 years in the Reserve, or, if the man completes his 7 years' service with the Colours while beyond the seas, then for a further period, not exceeding one year, with the Colours, and the remainder of the 12 years in the Reserve.)

ATTESTATION OF

No. 1962 Name Luigi Lanfranco Corps R! Malta Arty

Questions to be put to the Recruit before Enlistment.

1. What is your Name? — Luigi Lanfranco
2. In or near what Parish or Town were you born? — 2. In the Parish of St Leonardo in or near the Village of Chircop in the Island of Malta
3. Are you a British Subject? — 3. Yes
4. What is your Age? — 4. 21 Years 4 Months.
5. What is your Trade or Calling? — 5. Clerk
6. Have you resided out of your Father's house for three years continuously in the same place, or occupied a house or land of the yearly value of £10 for one year, and paid rates for the same, and, in either case, if so, state where? — 6. No

You are hereby warned that if after enlistment it is found that you have given a wilfully false answer to any of the following seven questions, you will be liable to a punishment of two years' imprisonment with hard labour.

7. Are you, or have you been, an Apprentice? if so, where? to whom? and for what period? — 7. No
8. Are you Married? — 8. No
9. Have you ever been sentenced to Imprisonment by the Civil Power? — 9. No
10. Do you now belong to Her Majesty's Army, the Marines, the Militia, the Militia Reserve, the Royal Navy, the Volunteers, the Yeomanry, the Army Reserve, or the Naval Reserve Force? If so, to what Corps? — 10. Yes I belong to the R! M! Militia
*11. Have you ever served in Her Majesty's Army, the Marines, the Militia, the Militia Reserve, or the Royal Navy? If so, state which and cause of discharge? — 11. Yes as answered in question 10
12. Have you truly stated the whole, if any, of your previous Service? — 12. Yes
13. Have you ever been rejected as unfit for Her Majesty's Service? If so, on what grounds? — 13. Yes for Slight Short Sightedness Both eyes
14. Are you willing to be vaccinated or re-vaccinated? — 14. Yes
15. For what Corps are you willing to be enlisted, or are you willing to be enlisted for General Service? — 15. Royal Malta Artillery
16. Did you receive a Notice, and do you understand its meaning, and who gave it to you? — 16. Yes Name Sergt. Spiteri Corps R! Malta Arty
17. Are you willing to serve upon the following conditions provided Her Majesty should so long require your services? — 17. Yes
(a) For the term of twelve years, for the first seven years in Army Service and for the remaining five years in the First Class of the Army Reserve, or if at the termination of such period of Army Service, you are serving beyond the seas, then for a further period not exceeding one year in Army Service and for the remaining portion of such period of 12 years in the First Class of the Army Reserve.
(b) If, at the expiration of the above-mentioned term of Army Service a state of War exists, then, if so directed by the Competent Military Authority, to serve in Army Service for a further period not exceeding 12 months.
(c) If, at the expiration of the above-mentioned term of Army Service, you are so required by a Proclamation from Her Majesty in case of imminent national danger or great emergency, then to serve in Army Service so as to complete your term of 12 years, and for a further period not exceeding 12 months.
(d) If the above-mentioned term of 12 years expires while you are on service with the Regular Forces beyond the seas, or while a state of war exists with a Foreign Power, or while Soldiers in the Reserves are required by proclamation to continue in or re-enter upon Army Service, then to serve for a further period not exceeding ...

I, Luigi Lanfranco do solemnly declare that the above answers made by me to the above questions are true, and that I am willing to fulfil the engagements made.

L. Lanfranco SIGNATURE OF RECRUIT.

P. Spiteri Sergt R. M. Arty Signature of Witness.

OATH TO BE TAKEN BY RECRUIT ON ATTESTATION.

I, Luigi Lanfranco do make Oath, that I will be faithful and bear true Allegiance to Her Majesty, Her Heirs, and Successors, and that I will, as in duty bound, honestly and faithfully defend Her Majesty, Her Heirs, and Successors, in Person, Crown, and Dignity against all enemies, and will observe and obey all orders of Her Majesty, Her Heirs, and Successors, and of the Generals and Officers set over me. So help me God.

CERTIFICATE OF MAGISTRATE OR ATTESTING OFFICER.

The Recruit above-named was cautioned by me that if he made any false answer to any of the above questions he would be liable to be punished as provided in the Army Act.

The above questions were then read to the recruit in my presence.

I have taken care that he understands each question, and that his answer to each question has been duly entered as replied to, and the said recruit has made and signed the declaration and taken the oath before me at Malta on this 8th day of April 1897.

Signature of the ...

Comm.g R! Malta Art.

The Recruit should, if he require it, receive a copy of the Declaration on Army Form B. 266.

**Ix-Short Service Application ta' Luigi Lanfranco.**

19. Angelo Agius, ħaddiem tal-id ta' 18-il sena ingaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Fencible Regiment* nhar it-3 ta' Ġunju 1848 fl-10 ta' filgħodu. Il-flus li kien dovut kienu ta' żewġ liri (*two pounds*), u malli nkiteb ingħatalu l-ewwel xelin (*one shilling*). Huwa beda bħala suldat fil-5 ta' Ġunju 1848 u laħaq *gunner* fil-25 ta' Jannar 1861. Spiċċa mis-servizz fil-31 ta' Marzu 1873 wara 24 sena u 300 jum. Fil-1871 ingħata l-medalja għal kondotta tajba u għas-servizz twil li ta. Meta spiċċa ingħata pensjoni ta' 7 soldi (7d) kuljum, għal ħajtu. In-numru tiegħu kien 1095.
20. Vincenzo Sacco, imlaqqam "Tal Pisatur" kien ġuvni u ħaddiem tal-id li ta' 17-il sena u 9 xhur ingaġġa bħala suldat mal-*Maltese Militia* nhar it-18 ta' Novembru 1889. Huwa għamel ħames snin u spiċċa fit-23 ta' Mejju 1894 imma reġa' ġie ngaġġat mill-għada, 24 ta' Mejju 1894 sas-17 ta' Novembru 1898. In-numru tiegħu kien 1057.
21. Antonio Sacco ta' 11 Sda Maggiore, kien jaħdem bħala messaġġier u ta' 15-il sena ingaġġa mal-*Maltese Militia* fil-5 ta' Jannar 1894. Beda bħala *boy* imma kif għalaq is-16-il sena, kien promoss għal suldat (*private*) bin-numru 1970. Huwa dam ħames snin u spiċċa fil-5 ta' Jannar 1899.
22. Giuseppe Taliana, imlaqqam "Ta Ġammar" kien ġuvni, ħaddiem tal-id u d-dar tiegħu kienet fi Triq San Beneditto. Ta' 18-il sena ingaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia.* Id-data tal-ingaġġ kienet it-13 ta' Ġunju 1897 u spiċċa wara ħames snin nhar it-12 ta' Ġunju 1902. In-numru tiegħu kien 2983.
23. In-numru 3320 ingħata lil Leonardu Spiteri, imlaqqam "Ta Xandra" u li kien joqgħod Triq il-Kbira, Sqaq Numru 1. Kellu 28 sena, kien miżżewweġ bi tlitt itfal u kien jaħdem bħala bejjiegħ. Huwa beda l-ingaġġ tiegħu fit-3 ta' Diċembru 1897 u spiċċa ħames snin wara nhar it-2 ta' Diċembru 1902.
24. Angelo Ellul, imlaqqam "Ta' Nardu" kien joqgħod Numru 24, Strada Maggiore u kellu 23 sena meta ingaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia.* In-numru tiegħu kien 3387 u dam għal ħames snin sħaħ mill-15 ta' April 1898 sal-14 ta' April 1903, meta

spiċċa l-kuntratt. Kien miżżewweġ, kellu wild wieħed u x-xogħol tiegħu kien ta' *labourer*. Ix-xhud tal-firma tiegħu meta daħal suldat kien il-Kurunell S. Nicholls. Fir-rekords tal-istess arkivju nsibu l-isem ta' Angelo Ellul minn Ħal Kirkop li fit-13 ta' Diċembru 1924 applika sabiex imur l-Ingilterra u l-Istati Uniti. Dan jidher li jista' jkun l-istess persuna li kien ukoll magħruf bil-laqam "Ta' Marinton". Kellu ħutu wkoll fost l-oħrajn Pietru Pawl, Giuseppe u Dun Michele li miet fl-età żgħira ta' 31 sena.[4]



Angelo Ellul

25. Giovanni Callus, imlaqqam "Tal Chixkux" kellu 17-il sena u 10 xhur meta ngaġġa bħala suldat nhar id-29 ta' Settembru 1899 mar-*Royal Malta Regiment of Militia* bin-numru 4127. Kien ġuvni, jgħix fi Triq Valletta, Numru 5 u kien ħaddiem tal-id. Spiċċa mis-servizz fit-28 ta' Settembru 1904, wara li temm il-kuntratt tiegħu ta' ħames snin. Kien mgħajjat għas-servizz mil-Logo-Surġent G Grasso.
26. Giuseppe Sacco, imlaqqam "Ta Sacco" kellu 17-il sena u 3 xhur meta ngaġġa bħala suldat mar-*Royal Malta Regiment of Militia* fit-18 ta' Mejju 1902. Huwa kien ġuvni u kien jaħdem bħala *waiter*. Sacco kien ingaġġat għal 5 snin imma wara sena u 359 jum, huwa ħareġ mis-servizz *by purchase*. In-numru tiegħu kien 4940. Aktar 'il quddiem, l-istess Giuseppe Sacco, li kien magħruf ukoll bħala "Tal-Pisatur" applika għall-passaport fit-2 ta'Frar 1920 bil-ħsieb li jmur Detroit u l-Istati Uniti.



Giuseppe Sacco

27. Leonardo Callus, iben Pawlu mis-Siggiewi, kellu 15-il sena u 7 xhur u kien għadu student meta ngagga bħala *boy* mar-*Royal Malta Artillery* fis-6 ta' Settembru 1886, bin-numru 1160. Ftit xhur wara, fit-22 ta' April 1887 huwa kien promoss għal trumbettier u kważi sentejn wara kien promoss għal *gunner* fil-15 ta' Frar 1889. Wara reġa ġie promoss għal membru tal-banda (*bandsman*) fit-28 ta' April 1892. Fl-istess sena, fis-6 ta' Settembru 1892 kien imħallas bir-rata ta' żewġ soldi (2d) għall-kondotta tajba li kellu. Huwa spiċċa mis-servizz bħala *gunner* fis-6 ta' Settembru 1898 wara 12-il sena. Bħala ċertifikati, huwa ingħata ċertifikat tar-Raba' Klassi (*4th class*) fl-20 ta' Diċembru 1886 filwaqt li fid-19 ta' Marzu tal-1887 ingħata ċertifikat tat-tielet klassi (*3rd class*).
28. Giuseppe Callus, bin Paolo mis-Siggiewi, kien ħaddiem fil-ġebel qabel ma ngaġġa mar-*Royal Malta Artillery* fl-età ta' 19-il sena u 10 xhur. Beda bħala *gunner* fil-22 ta' Novembru 1892 u spiċċa fil-21 ta' Novembru 1904, wara tnax-il sena. Huwa ingħata miżata ta' sold (1d) minħabba li kellu kondotta tajba u meta ġie ttrasferit għar-Riserva huwa tħallas 21 lira u 5 xelini (£21.5s). In-numru tiegħu kien 1444.
29. Leonardo Farrugia, bin Saverio, kien ħaddiem tal-id u ta' 18-il sena ingaġġa bin-numru 1772 bħala *gunner* mar-*Royal Malta Artillery* fl-20 ta' Lulju 1896. Fl-20 ta' Lulju 1898 huwa tħallas sold (1d) tal-kondotta tajba li kellu u erba' snin wara, fl-20 ta' Lulju 1902 reġa' tħallas żewġ soldi (2d) għall-istess kondotta. Fl-istess data tal-1903, huwa ġie ittrasferit għar-Riserva u spiċċa mis-servizz nhar id-19 ta' Lulju 1908, tnax-il sena wara li beda s-servizz militari tiegħu.



Army Form E. 528.

*If this Certificate is lost or mislaid no duplicate of it can be obtained.*

DISCHARGE CERTIFICATE OF A MILITIAMAN.

This is to Certify that (No.) 1531 (Rank) Private
(Name) Luigi Lanfranco
1 Bn. Royal Malta Regiment, who was enlisted
to serve in the ~~Militia of the County of~~ 1 Roy: Malta Regt
on the 21st day of November 1891,
has been discharged* On final approval for the Royal Malta Artillery
and that his claims have been properly settled.
He has served in the Militia 5 years 139 days.
His conduct and character while in the Militia have been Good
(Signature) Comdg 1 Royal Malta Regt
(Place and Date) Malta 8th April 1897

*Here state the cause of discharge as detailed in the Militia Regulations.

DESCRIPTION ON DISCHARGE.

Age 23 years
Height 5 feet 11½ inches
Complexion Dark
Eyes Hazel
Hair Dark Brown
Trade

Marks or Scars, whether on the face or other parts of the body
- Nil -

[17]

Id-Discharge Certificate ta' Luigi Lanfranco.

30. Luigi Lanfranco, bin Paolo minn Tas-Sliema, kien skrivan meta ta' 21 sena u 4 xhur ingaġġa mar-*Royal Malta Regiment* bin-numru 1531. Beda fil-21 ta' Novembru 1891 u wara 5 snin u 139 jum, fis-6 ta' April 1897, huwa qaleb mar-*Royal Malta Artillery* u ngħata n-numru 1962, minn fejn spiċċa s-servizz tiegħu nhar is-16 ta' Ġunju 1897. Kien ta' kondotta tajba ħafna u meta spiċċa ingħata s-somma ta' £8.

## Konklużjoni

L-iskop ta' dan l-artiklu ma hux wieħed ta' analiżi profonda dwar il-ħajja tal-Koppin fil-militar. Hu wisq

'il bogħod minn hekk. Qed inħarsu biss lejn sezzjoni ta' nies fil-korpi militari u fuq medda ta' seklu wieħed. Baqa' ħafna xogħol xi jsir sabiex l-istorja ta' dawn in-nies nanalizzawha fil-profond mill-aspetti kollha fostom dawk soċjali. F'dan is-sens ukoll li riċentament l-Arkivji Nazzjonali laħaq ftehim mal-Università ta' Malta sabiex tinbena kollaborazzjoni bejn il-Proġett tal-Memorja Nazzjonali u dak tal-Memorja tan-nies li kien hemm fl-Università. Dan ser ikompli jgħin biex fil-każ ta' dawk in-nies li għadom ħajjin u li għandom x'irrakkontaw dwar ħajjitom ikun hemm memorja orali miżmuma, kultivata sew, u maħżuna skond metodi arkivistiċi li jiggarantixxu li din titgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri. B'hekk biss inkunu qed nagħmlu ġustizzja ma dawn in-nies li kienu bennejja fl-istorja ta' pajjiżna.

**Referenzi**

[1] Għal studju dettaljat dwar din il-kollezzjoni ta' dokumenti ara F. Cauchi Inglott, 'The Personal Records of Maltese Locally Enlisted into British Military Forces 1800-1970', teżi għal Diploma in Library and Information Stuties, 2003, Università ta' Malta 2003.

[2] Il-kollezzjoni hi dik tas-Suldati mill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. In-numru ta' referenza għal kull każ hu dak imsemmi li kien in-numru tar-riġment li l-persuna partikolari kienet tingħata.

[3] Il-kunċett ta' *by purchase* hu wieħed antik fl-istorja militari fejn wieħed iħallas jew sabiex jikseb rank jew inkella biex joħroġ mis-servizz.

[4] Informazzjoni miksuba mis-Sur Angelo Schembri.